Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,608, 28 ta' April, 1998
Taqsima B

A.L. 109 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Gradi ta' Master of Business Administration - M.B.A. - u Executive Master of Business Administration - M.B.A.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titlu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Gradi ta' Master of Business Administration - M.B.A. - u Executive Master of Business Administration - M.B.A.

(2) F'dawn ir-Regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakulta' ta' l-Ekonomija, il-*Management* u l-*Accountancy*.

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' Master of Business Administration - M.B.A. - u l-Grad ta' Executive Master of Business Administration - M.B.A.; u

"il-Kors" ifisser il-kors ta' l-istudji li jwassal għall-Grad.

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li bdew f'Ottubru 1997 jew wara.

Kwalifiki għad-Dħul

3. (1) Il-kandidati għad-dħul fil-kors li jwassal għall-Master of Business Administration għandu jkollhom grad ta' Baċellerat f'qasam relatat b'mill-anqas it-tieni klassi bl-unuri minn din l-Universita' jew minn xi universita' oħra rikonoxxuta għal dan il-għan mis-Senat.

(2) Il-kandidati għad-dħul fil-kors li jwassal għall-Executive Master of Business Administration għandu jkollhom:

(a) grad ta' Baċellerat f'qasam relatat b'mill-anqas it-tieni klassi bl-unuri minn din l-Universita' jew minn xi universita' oħra rikonoxxuta għal dan il-għan mis-Senat; **jew**

(b) grad jew kwalifka professjonali rikonoxxuta għal dan il-għan mis-Senat, flimkien ma' minimu ta' erba' snin esperjenza f'xogħol ta' responsabilita'.

(3) Persuni ta' 'l fuq minn 28 sena, jistgħu wkoll jidħlu fil-Kors li jwassal għall-Executive Master of Business Administration jekk ikollhom mill-inqas erba' snin esperjenza f'xogħol ta' responsabilita' fl-Amministrazzjoni,
iżda sakemm dawn ikunu kkunsidrati mill-Bord tad-Dħul ta' l-Universita', fuq il-parir tal-Bord, li għandhom l-kwalifiki akkademiċi, it-taħriġ, l-għerf, il-kapaċitajiet u l-esperjenża meħtieġa biex isegwu l-Kors bi profitt.

It-Tul tal-Kors

4. (1) Il-Kors għandu jkun ta' tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti tagħhom fi studju fuq bażi *part-time*.

(2) Il-kors għall-Executive Master of Business Administration għandu jkun offrut biss fuq bażi *part-time*.

(3) Kull perijodu ta' studju fuq bażi *part-time* għandu jkun ekwivalenti għal nofs il-perijodu meħtieġ għal studju fuq bażi *full-time*.

(4) Student jista' jingħata permess mill-Bord biex itemm il-Kors fi żmien 30 xahar ta' studju fuq bażi *full-time* jew 48 xahar ta' studju fuq bażi *part-time* wara li jirregistra.

Il-Kors ta' l-Istudji

5. (1) Il-Kors għandu jkun maqsum f'żewġ partijiet: L-Ewwel Parti u t-Tieni Parti. Dawn għandhom jikkonsistu f'taqsimiet studju obbligatorji u elettivi li għalihom huma assenjati mhux inqas minn 25 kredtu, u dissertazzjoni.

(2) Katalgu ta' taqsimiet studju offruti matul il-Kors, bil-kredti assenjati għal kull waħda minnhom u l-ordni li fihom għandhom jittieħdu, għandu jkun approvat mill-Bord u għandu jkun ippublikat qabel il-bidu ta' kull Kors

L-Ewwel Parti tal-Kors

6. (1) L-Ewwel Parti tal-Kors għandha testendi fuq l-ewwel żewg semestri u għandha tikkonsisti f'taqsimiet studju fl-oqsma ta' studju li ġejjin:

Accounting u Finanzi;
Metodi Kwantitativi u *Management Information Systems*;
Ekonomija, *Operations Management* u *Project Management;*
Human Resources Management u *Organisational Behaviour;* u
Marketing, Strategic Management u *Strategic Change.*

(2) Sabiex itemmu l-Ewwel Parti tal-Kors u jkomplu għat-Tieni Parti, l-istudenti għandhom:

(a) jiksbu minimu ta' 20 kredtu, li jinkludu l-kredti għat-taqsimiet studju obbligatorji f'kull wieħed mill-oqsma ta' studju imsemmija fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, u għal kull pre-rekwiżit meħtieġ; u

(b) jgħaddu mill-eżami bil-miktub li jsir fl-aħħar ta' l-Ewwel Parti kif speċifikat fir-regolament 8.

It-Tieni Parti tal-Kors

7. (1) It-Tieni Parti tal-Kors normalment għandha testendi fuq l-aħħar semestru li matulu l-studenti għandhom ikunu meħtieġa jissottomettu dissertazzjoni ta' mhux inqas minn 15,000 kelma u mhux iktar minn 25,000 kelma.

(2) L-istudenti għandhom jissottomettu s-suġġett tad-dissertazzjoni tagħhom għall-approvazzjoni tal-Bord mill-inqas xahrejn qabel it-tmiem ta' l-Ewwel Parti tal-Kors.

(3) Wara l-approvazzjoni tas-suġġett tad-dissertazzjoni, il-Bord għandu:

(a) jaħtar tutur biex jidderiġi u jagħmel supervizjoni fuq ix-xogħol ta' l-istudent; u

(b) jirrakkomanda lis-Senat Bord ta' l-Eżaminaturi magħmul minn tliet persuni.

(4) Id-dissertazzjoni għandha tingħata għall-eżami sa l-aħħar tat-tielet semestru tal-Kors, kemm-il darba l-istudent ma jingħatax permess speċjali biex jissottomettiha f'data iktar tard skond il-provveditmenti tal-paragrafu (4) tar-regolament 4.

L-Eżamijiet

8. (1) Għandu jkun hemm eżami sinottiku bil-miktub fl-aħħar ta' l-Ewwel Parti tal-Kors u eżami orali fi tmiem id-dissertazzjoni fl-aħħar tat-Tieni Parti tal-Kors.

(2) L-eżami sinottiku bil-miktub għandu jikkonsisti f'ħames karti.

(3) Studenti li jeħlu f'mhux iktar minn żewġ karti ta' l-eżami sinottiku bil-miktub għandhom jitħallew joqogħdu għal sessjoni supplimentari ta' l-eżamijiet fil-qasam jew fl-oqsma ta' studju li fihom ikunu weħlu. L-ogħla grad li

jista' jingħata fis-sessjoni supplimentari huwa l-grad D. L-istudenti li jeħlu fi tliet karti jew f'iktar karti fl-ewwel sessjoni jew li jeħlu f'xi karta fis-sessjoni supplimentari m'għandhomx jitħallew ikomplu għat-Tieni Parti tal-Kors.

Progress

9. (1) It-taqsimiet studju, l-eżami u d-dissertazzjoni għandhom jingħataw il-gradi li ġejjin fl-ordni li jibda mill-ogħla sa' l-inqas mertu: A, B, C, D u F fejn F tfisser li weħel.

(2) Student li ma jġibx kredtu għal taqsima studju jista' jitħalla li jkun ittestjat mill-ġdid darba biss. L-ogħla grad li jista' jingħata huwa l-grad D.

(3) L-istudenti huma meħtieġa li jgħaddu kemm mill-eżami bil-miktub fl-aħħar ta' l-Ewwel Parti kif ukoll mill-eżami orali dwar id-dissertazzjoni fl-aħħar tat-Tieni Parti sabiex jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad.

Ir-Riżultat Finali

10. (1) Ir-riżultat finali ta' kull student għandu jikkunsidra l-ħidma tiegħu fit-taqsimiet studju, fl-eżami u fid-dissertazzjoni.

(2) L-istudenti li jtemmu l-Kors b'suċċess jikkwalifikaw għall-Grad u isimhom għandu jkun ippublikat f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikat kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.